IM22.22m

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL INTERMEDJU TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2022**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| DATA: | 30 ta' April 2022 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

**TAQSIMA A: IL-QARI U L-KITBA PRATTIKA**

**A1. Il-qari**

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

## It-Teknika Drammatika

Id-drama tibda fid-dinja tal-istħajjil, fil-logħob tat-tfal u fir-ritwal ta' reliġjonijiet primittivi. Fil-fatt, fiha dejjem insibu tifkiriet ta' din l-oriġini ritwalistika primittiva għaliex fil-qofol tagħha hi l-imitazzjoni ta' xi azzjoni. Minħabba din l-imitazzjoni, id-drama hi wkoll arti rappreżentattiva jew viżwali minbarra li hi arti letterarja. (par. 1)

Bħala arti letterarja, id-dramm hu ħaġa fittizja maħluqa mill-kliem: il-qofol tiegħu jikkonsisti mill-plott, il-karattri, u d-djalogu. Id-dramm mhux irrakkontat, bħar-rumanz, imma rreċtat u għalhekk m'hemmx l-awtur li jiġi bejn il-ġrajja u l-udjenza. F'dan is-sens ta' preżentazzjoni diretta, id-drama hi arti rappreżentattiva. Peress li hi arti rappreżentattiva, id-drama għandna narawha fuq il-palk u mhux naqrawha bħala letteratura biss. (par. 2)

Id-dramm mhux biss it-test jew il-kopjun imma jeħtieġ direttur li jinterpretah, atturi li jaħdmuh, teatru fejn jinħadem u mezzi tekniċi bħall-mużika u d-dwal. Għalhekk rappreżentazzjoni ta' dramm ma tkunx bħal oħra. Ir-rappreżentazzjoni hi influwenzata mill-interpretazzjoni tad-direttur u l-atturi, li jistgħu jimxu fuq teoriji diversi skont ix-xorta ta' teatru li tinħadem fih jew li tinkiteb għalih, u skont l-effetti tekniċi tal-ħsejjes u d-dwal li jintużaw. Minħabba dawn il-possibilitajiet ta' interpretazzjoni, id-drama hi wkoll arti letterarja għax l-interpretazzjonijiet joħorġu mill-kliem miktub. (par. 3)

Fuq kollox, huwa importanti ħafna għas-suċċess tad-dramm li l-udjenza tirreaġixxi skont kif jixtieqha l-awtur. Fil-fatt, l-udjenza trid tipparteċipa fid-dramm – jew emozzjonalment jew intellettwalment. Id-drammaturgu realista jrid iqanqal lill-udjenza b'mod li tinsa li tkun qed tara dramm, titwaħħad emozzjonalment mal-atturi fuq il-palk u tħoss bħalhom. Min-naħa l-oħra, il-kittieb ta' drammi ċerebrali jrid li l-udjenza ma ssirx ħaġa waħda mal-karattri tad-dramm u tinqabad fl-emozzjonijiet tagħhom. Minflok, iridha tibqa' maqtugħa minn dak li jkun qed jiġri fid-dramm, iżżomm f'moħħha li tkun qed tara storja fittizja u b'hekk l-emozzjoni ma tirkibx fuq l-intellett iżda l-moħħ jibqa' luċidu u kapaċi jargumenta fuq li jkun qed jara. (par. 4)

*(Adattata minn "It-Teknika Drammatika" ta' Mario Costa, Leħen il-Malti, Għadd 19, 1973.)*

***Jekk jogħġbok, aqleb il-paġna.***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.**

1. Ikteb l-ittra tal-istqarrija t-tajba: (2)
   a. Is-suċċess ta' dramm jiddependi mill-emozzjonijiet li jqajjem fl-udjenza, id-dwal u l-mużika.
   b. Is-suċċess ta' dramm jitqies skont kemm l-udjenza tirreaġixxi għal dak li jrid l-awtur.
   ċ. Dramm jitqies tajjeb skont kemm id-dwal u l-mużika jqajmu emozzjonijiet fl-udjenza.
   d. Jekk, bis-saħħa tad-dwal u l-mużika, fl-udjenza jitqajmu tifkiriet primittivi u tat-tfulija, id-dramm ikun suċċess.

2. Qassar it-test li għadek kemm qrajt f'paragrafu **WIEĦED** ta' **bejn 80 u 90 kelma**. Ikteb fi kliemek u uża t-tielet persuna fil-perfett. (5)

3. Għaliex taħseb li l-qari ta' kopjun waħdu ma joffrix esperjenza teatrali sħiħa? (3)

## A2. Il-kitba prattika

Ikteb ittra elettronika ta' bejn **100 u 150** kelma lis-Sa Doris Grima, id-direttriċi tal-kumpanija teatrali TEATRU21, biex tħajjarha taqra d-dramm tiegħek, "Fil-Jiem Sbieħ tas-Sajf", u ttellgħu l-istaġun li jmiss fit-Teatru Manoel.

(10)

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA B: IL-LINGWISTIKA

**Wieġeb IŻ-ŻEWĠ mistoqsijiet.**

1. Bit-terminu 'bilingwiżmu' nirreferu mhux biss għall-ħila ta' xi ħadd li jħaddem żewġ lingwi, imma wkoll għall-użu frekwenti ta' żewġ ilsna f'xi komunità u, eventwalment, għall-għarfien politiku jew istituzzjonali taż-żewġ ilsna. F'kitba ta' **bejn 80 u 100 kelma** kkummenta dwar dawn l-aspetti tal-bilingwiżmu fil-kuntest lokali. (6)

2. "L-ilsna kollha nistgħu nxebbhuhom mal-ilma ġieri għan-niżla li qatt ma jieqaf f'post wieħed, dejjem jiċċaqlaq u jitqanqal minn fejn ikun, jidjieq u jitwessa', bil-qajla jew bil-għaġla, skont il-għamla u l-liwi tal-miġra li jgħaddi minnha." F'kitba ta' **bejn 300 u 350 kelma** ddiskuti din l-istqarrija ta' Ġużè Aquilina fid-dawl tal-iżviluppi ewlenin fil-ġrajja tal-ilsien Malti. (15)

**(Total: 21 marka)**

## TAQSIMA Ċ: IL-POEŻIJA

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. Fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna* ta' Simone Galea l-indirizz poetiku huwa teknika rikorrenti. X'inhu l-effett tiegħu fuqna bħala qarrejja? Iddiskuti b'referenza għax-xogħlijiet miġbura fil-ktieb.

**JEW**

2. Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna* ġġagħalna nirriflettu dwar il-vojt u dak li ma jingħadx fir-relazzjonijiet ta' mħabba. Iddiskuti.

**(Total: 22 marka)**

**TAQSIMA D: Il-PROŻA**

**Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 300 u 320 kelma.**

1. F'*Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici toħroġ sew id-differenza bejn ir-raħal u l-Belt, anki fin-nies. Iddiskuti din id-distinzjoni kif tidher fir-rumanz.

**JEW**

2. In-narratur fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici mhuwiex imdaħħal fl-istorja però waqt li jirrakkonta jgħidilna x'inhuma l-ħsibijiet tal-karattri u x'inhu għaddej fil-kuxjenza tagħhom. Iddiskuti lin-narratur u l-kontroll tiegħu fuq ir-rakkont.

**(Total: 22 marka)**